**PARLAMENT TAN-NANNIET 2020 – 23 ta' Settembru 2020**

**IN-NANNIET U R-REALTÀ ATTWALI**

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Issa nsejjaħ 'il-Eċċellenza Tagħha l-President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca biex, jekk jogħġobha, tagħmel id-diskors tagħha.

**E.T. MARIE LOUISE COLEIRO PRECA (President Emeritus u Chairperson, *The Malta Foundation for the Well-Being of Society*):** Sur President, nixtieq nirringrazzjak mhux biss li tajtni l-kelma, imma wkoll li żammejt l-appuntament annwali ta' kull sena għall-Parlament tan-Nanniet.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lis-Sur Philip Chircop, li huwa l-President u l-Fundatur tal-Fondazzjoni Nanniet Malta, u t-tim tiegħu li ġabu viżibilità lil din il-komunità kbira li tifforma kważi nofs il-popolazzjoni tagħna.

Irrid nirringrazzja wkoll lin-nanniet kollha ta' Malta u Għawdex għal ħidmithom b'risq pajjiżna, kemm fil-passat u kif ukoll nikkontendi li għadhom jaħdmu anke llum fil-komunitajiet rispettivi u fil-familji estiżi tagħhom. Il-kontribut tagħhom huwa bla dubju ta' xejn tant kbir u bla prezz.

Insellem ukoll lill-familjari u lill-anzjani nanniet li mietu b'dan il-*virus*. Sfortunatament, m'aħniex esklużi mill-kumplament tad-dinja u 25 anzjani mietu f'pajjiżna matul dawn ix-xhur kawża tal-pandemija.

Qabelxejn, irrid nifraħ lill-Parlament Malti li għaraf jilleġiżla favur il-Jum tan-Nanniet f'pajjiżna. Nixtieq li kieku l-*MEPs* tagħna fil-Parlament Ewropew, flimkien mal-Parlament Malti, jinsistu fuq livell Ewropew biex ikun hemm ukoll il-Jum tan-Nanniet Ewropew. Fl-aħħar mill-aħħar, f'dan il-jum nirrikonoxxu l-valur u l-kontribut li taw in-nanniet lill-pajjiżi Ewropej.

Insiru nanniet għaliex għandna n-neputijiet, hux veru? Jien għadni ma sirtx nanna u nittama li jkolli x-xorti nsir nanna bħal ħafna minnkom. Niftakar li meta kont żgħira, stajt nara kemm in-nanniet iħobbu bl-aktar mod bla qies lin-neputijiet tagħhom. Kultant anke ġieli kont nisma' lill-ġenituri tiegħi jgħidu li kważi kważi n-nanniet iħobbu lilna aktar milli jħobbu lil uliedhom. Daqshekk hi kbira l-imħabba tan-nanniet lejn in-neputijiet tagħhom!

Niftakar ukoll li matul il-*lockdown*, il-Kunsill tat-Tfal u ż-Żgħażagħ fi ħdan il-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà kien qed jiltaqa' bl-aktar mod regolari, xi kultant anke kuljum, fejn it-tfal kienu

jitkellmu u jgħidu kemm jinsabu ddispjaċuti li mhumiex qegħdin jaraw, jgħannqu u jbusu lin-nanniet. Kien hemm uħud li kienu jmorru jaraw lin-nanniet minn wara l-antriporta jew minn fuq il-bankina, u jħossu li minkejja li qegħdin jarawhom, xorta waħda qegħdin iħossuhom imċaħħdin minnhom. Għalhekk, fuq naħa għandna n-nanniet li jħobbu n-neputijiet bla qies, u fuq in-naħa l-oħra hemm in-neputijiet li jħobbu ħafna lin-nanniet.

Niġi għall-punt li dejjem iqum sena wara l-oħra. Qed nirreferi għal meta, sfortunatament, il-familja titkisser u jkun hemm separazzjoni, u n-nanniet jiġu mċaħħda mill-aċċess għan-neputijiet tagħhom. Nappella lil-leġiżlatur biex, kif qal tajjeb anke s-Sur Philip Chircop, jekk għandna preċedenti u mudelli ta' din ix-xorta barra minn xtutna, għandna naraw x'inhuma dawn il-provvedimenti, u mingħajr ma nagħmlu *carbon copy*, għaliex jista' jagħti l-każ li l-*carbon copy* ma tgħoddx għalina, nikkonsidraw li nilleġiżlaw f'dan ir-rigward. Jekk pajjiżi oħra rnexxielhom jilleġiżlaw favur l-aċċess tan-nanniet għan-neputijiet tagħhom, għaliex ma nikkonsidrawx li nagħmlu dan aħna wkoll? Dan aktar u aktar meta nafu kemm għandna nirringrazzjaw lil Alla li l-familja estiża f'pajjiżna għadha importanti – u r-riċerka turina li n-nanniet huma importanti ħafna fil-ħajja tat-tfal tagħna.

Min-naħa l-oħra, nieħu l-opportunità li nagħmel appell lill-ġudikanti biex, fil-konsiderazzjoni tad-deċiżjonijiet tagħhom, jieħdu inkonsiderazzjoni wkoll tal-fatt li l-aċċess ma jkunx ristrett biss għall-ġenituri, imma anke għall-familja estiża li hija importanti fil-kontest ta' pajjiżna u fil-kontest tal-ħajja tat-tfal.

Nixtieq nieħu l-opportunità wkoll biex f'din l-okkażjoni nsemmi xi punti u aspetti li għandna bżonn inwaddbuhom taħt il-lenti, fosthom mil-leġiżlatur, il-*policy maker*, l-organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u l-awtoritajiet. Insemmi l-kwestjoni tal-faqar fost l-anzjani u n-nanniet. Huwa minnu li llum għandna nanniet żgħar ukoll, imma ħafna nanniet jaqgħu fil-kategorija tal-anzjani.

Skont l-istatistika li ġiet ippublikata reċentament għall-2018 u l-2019, jiġifieri qed nitkellmu qabel il-pandemija, għandna kważi 28% tal-anzjani li huma fir-riskju tal-faqar. Il-pandemija ġabet faqar ġdid. Id-definizzjoni tal-faqar, fil-kontest tal-pandemija, rajt li twessgħet ħafna. Twessgħet għal familji żgħażagħ, imma twessgħet wkoll għal ċerti anzjani tagħna. Sfortunatament, bħal dejjem ikollna l-*cowboys* fil-pajjiż li japprofittaw ruħhom minn ċerti sitwazzjonijiet u jgħollu l-prezzijiet ta' ċerti prodotti. Kellna numru ta' anzjani li kienu qed jgħixu *from hand to mouth*, imma kien qed jirnexxilhom ilaħħqu mal-ħajja; imma issa l-pandemija ressqithom lejn ċirkostanzi fejn jinsabu f'riskju ta' faqar. Naturalment, sal-lum għad m'għandniex statistika li tagħtina l-evidenza ta' dan li qed ngħid, imma qed nitkellem minn esperjenza *hands-on* li kelli permezz ta' proġett għal dan il-perjodu, fejn għadd ta' anzjani resqu 'l quddiem għaliex kienu qegħdin ibagħtu finanzjarjament u ma kenux qegħdin ilaħħqu ma' dak li huwa bażiku fejn jidħol l-ikel. Il-faqar għandu dimensjonijiet differenti. Insemmi wkoll il-kwestjoni tas-solitudni, li torbot anke mal-aċċess tan-nanniet għan-neputijiet. Ċerta solitudni twassal għal *issues* ta' saħħa mentali. Smajna lill-Kummissarju jitkellem bħas-soltu bl-aktar mod abbli fuq dawn id-diffikultajiet.

Rigward il-kwestjoni tal-abbuż, nixtieq nenfasizza l-abbuż fuq l-anzjani tagħna. Din hija xi ħaġa reali, fejn kien hemm ċirkostanzi ta' abbuż, b'xi wħud jinqabdu u oħrajn le. Għalhekk naħseb li rridu

npoġġu aktar attenzjoni fuq il-prevenzjoni ta' ċertu abbuż fuq l-anzjani tagħna. Illum, anke permezz tal-Awtorità tal-I*standards* tal-Ħarsien Soċjali, hemm linji gwida u regolamenti li bla dubju ta' xejn għenu biex jittieħdu ċerti prekawzjonijiet. Però irridu niftakru li, apparti l-abbuż fl-istituzzjonijiet, jista' jkun hemm ukoll abbuż fid-djar privati.

Fir-rigward tal-kwestjoni tal-vjolenza fuq l-anzjani, għandna aktar minn tip wieħed ta' vjolenza. Jista' jkollna vjolenza anke fid-djar individwali. Ħafna drabi, nitkellmu fuq vjolenza domestika f'kontest fejn il-maġġoranza tal-każijiet huma kontra n-nisa; imma l-*issue* rridu narawha fuq dan il-binarju wkoll. Jien ġieli ltqajt ma' ċirkostanzi fejn kien hemm vjolenza fuq l-anzjani tagħna. Għalhekk, irridu naraw x'deterrent irridu noħolqu u xi prekawzjonijiet irridu nieħdu biex nevitaw dawn is-sitwazzjonijiet. Naturalment meta qed nitkellmu fuq *issues* ta' din in-natura, il-*long term policy* trid tkun ibbażata fuq l-edukazzjoni, biex in-nies ikollhom ċerta reżiljenza li jkunu kapaċi jikkontrollaw it-temperament u l-attitudnijiet tagħhom.

Nixtieq nagħlaq b'punt importanti ħafna. Hawnhekk terġa' tidħol il-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà, li diversi drabi organizzat spazji interġenerazzjonali, jiġifieri ġġib l-anzjani, in-nanniet u t-tfal li jitkellmu flimkien. Irrid ngħid li waħda mill-aktar esperjenzi li nibqa' niftakar u għadna naħdmu fuqha hija proprju meta t-tfal iddeċidew li d-diskursata tkun fuq it-tip ta' logħob li n-nanniet kienu jilagħbu meta kienu żgħar u l-logħob li jintlagħab illum. Kellna diskursata ħelwa immens, fejn l-anzjani kienu qed jirrakkontaw kif kienu jilagħbu logħob tradizzjonali fit-toroq, bħall- passju, u t-tfal kienu qed jitkellmu fuq l-affarijiet li jilgħabu bihom illum. Kien hemm nannu li bl-aktar mod innoċenti dar fuq it-tfal u qallhom li jaħasra huma mqabbdin mat-*tablet* u ma tafux x'jiġifieri toħroġ tilgħab barra fit-triq jew tmur xi ġirja xi mkien. Ovvjament, dan in-nannu kien qed jitkellem fil-kontest taż-żmien tiegħu. Però kien hemm tifel gustuż ta' disa' snin li pront pront qallu li huma ma ħallewlhomx spazji fejn jilagħbu! Din il-kwestjoni kienet *really telling* anke għall-Fondazzjoni, fejn iċ-*Children's hub* fi ħdan il-Fondazzjoni ra li jorganizza dawn l-ispazji miftuħa, u proprju minn dakinhar bdejna naħdmu biex din il-kwestjoni tal-ispazji tingħata aktar viżibilità. Nista' ngħid b'ċertu sodisfazzjo li, bis-saħħa ta' dan it-tim passjonat fi ħdan iċ-*Children's hub* u fi ħdan il-Fondazzjoni, illum qed inħarsu lejn proġett bi sħab ma' erba' ministeri, li huma l-Ministeru tal-Infrastruttura, il-Ministeru tal-Ambjent, il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Ministeru tal-Gvern Lokali. Permezz ta' dan il-proġett, aktar spazji fil-qalba tal-komunità se jkunu żviluppati bħala spazji siguri, ambjentalment *friendly* u inklussivi. Meta ngħid inklussivi, qed infisser spazji interġenerazzjonali, jiġifieri ma jfissirx li se nagħmlu r-rampi, imma se jkun hemm spazju u lok fejn kull tifel u tifla, bl-abilitajiet diversi tagħhom, isibu mod ta' kif jistgħu jirrilassaw. Nista' ngħid li kien bis-saħħa ta' din l-esperjenza tal-laqgħa man-nanniet u t-tfal li ħarġet din l-idea li qed naħdmu fuqha.

Sur President, nixtieq nissuġġerilek li l-Parlament tan-Nanniet ikollu spazju interġenerazzjonali. Forsi s-sena d-dieħla tingħata konsiderazzjoni fejn fil-Parlament ikollna n-nanniet u n-neputijiet ukoll. Biex tkun nanna jew nannu jrid ikollok neputi jew neputija. Minn dawn l-esperjenzi diversi li naqsmu bejnietna, kemm in-nanniet u n-neputijiet jistgħu joħorġu benefiċċji mill-iktar tajbin. Hekk fil-fatt ġara meta ċ-*Children's hub* tal-Fondazzjoni għall-Ġid tas-Soċjetà kellu din id-diskursata ħelwa bejn in-nanniet u t-tfal, u ħarġet l-importanza tal-ispazji biex it-tfal tagħna jkunu jistgħu jilagħbu fihom.

Sur President, fl-aħħar nett, nixtieq nagħmel stedina lis-Sur Philip Chircop, bħala President ta' Nanniet Malta, biex niltaqgħu sabiex nesploraw possibilitajiet li din id-diskursata interġenerazzjonali, jekk l-Ispeaker jilqa' s-suġġeriment, ma tkunx darba fis-sena, imma jkun proċess kontinwu sabiex innisslu u nkabbru s-sens tal-valur tas-solidarjetà interġenerazzjonali li hija tant meħtieġa fis-soċjetà Maltija. Importanti li jkollna dan is-sens ta' rispett bejn il-ġenerazzjonijiet, sabiex ma niġux fi stat fejn, kif ġralhom pajjiżi oħrajn, l-anzjani u n-nanniet jintesew, għax fil-ġirja u l-ġenn tal-ħajja jkun komdu biżżejjed li ngħid li m'għandix ħin biex immur nara lin-nanna jew x'għandu bżonn in-nannu. Dan is-sens ta' solidarjetà interġenerazzjonali jrid ikun qawwi fil-kommunitajiet tagħna f'perjodu f'pajjiżna fejn, bħall-kumplament tad-dinja, qed ngħixu ħajja mgħaġġla, b'ħafna inċertezza u instabilità. Għalhekk, permezz ta' dawn id-diskussjonijiet interġenerazzjonali nkunu qegħdin niżirgħu dik iż-żerriegħa ta' reżiljenza fil-komunitajiet fil-villaġġi u l-ibliet tagħna, kif ukoll fis-soċjetà ta' pajjiżna b'mod ġenerali.

Nagħlaq billi għal darb'oħra nagħti ħajr lin-nanniet kollha li jgħixu f'dawn il-gżejjer għall-ġid kbir li jagħmlu f'ħajjithom, għal-legat b'saħħtu ta' valuri li taw lill-poplu tagħna, u għax-xogħol li għadhom jagħmlu sal-lum. In-nanniet, anke b'kelma, jagħmlu ġid kbir. Bl-attività tagħhom, in-nanniet jagħmlu ġid kbir fil-komunitajiet rispettivi tagħhom, kif ukoll fil-familji tagħna. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Nirringrazzja lill-President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca. Ħadt nota ta' dak li qed tissuġġerixxi biex fil-Parlament tan-Nanniet, jekk Alla jrid is-sena d-dieħla, inkunu nistgħu ndaħħlu wkoll in-neputijiet fis-seduta.